# AKTAR SITI TA' HERITAGE MALTA F'GĦAWDEX IKKONFERMATI BĦALA ATTRAZZJONIJIET TA' KWALITÀ GĦOLJA GĦALL-VIŻITATURI

**20 ta' Frar 2025**

Il-Ħabs il-Qadim u d-Dar Storika tal-Gran Kastell f'Għawdex, li t-tnejn jinsabu fil-fortizza maestuża taċ-Ċittadella, ingħaqdu mal-lista ta' siti ta' Heritage Malta li ngħataw Siġill ta' Kwalità Assigurata mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA). Il-Park Arkeoloġiku tal-Ġgantija ġie kkonfermat mill-ġdid ukoll bħala sit ta' kwalità assigurata.

Il-preżentazzjonijiet tat-tliet premjijiet saru fis-siti rispettivi, fil-preżenza tat-tim kuratorjali u l-uffiċjali tas-Servizzi tal-Viżitaturi tagħhom, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta s-Sur Noel Zammit, kif ukoll id-Direttur tal-Iżvilupp tal-Prodott tal-MTA, is-Sur Kevin Fsadni, u s-Senior Manager tal-Liċenzjar tal-MTA, is-Sur Malcolm Zerafa. Id-delegazzjoni kienet iggwidata madwar kull wieħed mis-siti storiċi qabel l-għoti uffiċjali tas-siġill.

Matul l-2024 u fl-ewwel ġimgħat ta' din is-sena, diversi mużewijiet u siti oħrajn ta' Heritage Malta wkoll ġew ikkonfermati mill-ġdid bħala attrazzjonijiet turistiċi ta' kwalità għolja, jew ingħataw dan is-siġill għall-ewwel darba. Dawk li s-siġill tagħhom ġie mġedded huma l-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-MUŻA, u l-Forti Sant'Iermu u l-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra fil-Belt Valletta, il-Park Arkeoloġiku ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra fil-Qrendi, Għar Dalam f'Birżebbuġa, il-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien f'Ħal Tarxien, l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni f'Raħal Ġdid, il-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu u l-Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat. Ingħataw siġilli għall-ewwel darba lid-Domvs Romana fir-Rabat, il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali fl-Imdina, il-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, u l-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu.

Is-Siġill ta' Kwalità Assigurata huwa skema volontarja ta' rikonoxximent tal-kwalità mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, li tkopri operazzjonijiet ewlenin fil-qasam tat-turiżmu, inklużi attrazzjonijiet għall-viżitaturi. Is-Siġill ta' Kwalità Assigurata għall-Attrazzjonijiet tal-Viżitaturi tnieda fl-2010 u jkopri varjetà ta' postijiet bħal mużewijiet, djar storiċi u parks li joffru esperjenzi uniċi lil kull min iżurhom – minn tfal sa anzjani.

Biex entità tirċievi dan is-siġill trid tgħaddi minn proċess rigoruż ta' evalwazzjoni kull sena jew sentejn, li jinkludi firxa wiesgħa ta' kriterji li jiżguraw esperjenza eċċellenti lill-viżitatur. Eżempji ta' dawn huma l-faċilitajiet, l-indafa, l-ambjent, is-sostenibbiltà, u s-servizz u l-esperjenzi provduti lill-viżitatur.

Dawn ir-rikonoxximenti tanġibbli tal-isforzi ta' kuljum tat-tim dinamiku tagħna biex jipprovdi l-aqwa esperjenza possibbli għall-viżitaturi f'kull mużew u sit ta' Heritage Malta, jimlewna b'entużjażmu u ħeġġa biex inkomplu nistinkaw għall-eċċellenza.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta